MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 331/2001/2

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2307/99 u dawk tal-mandat ta' qbid numru 2308/99 fl-ismijiet:-**

**Paul Caruana**

**vs**

**Rudolphe Gaerty**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Rudolphe Gaerty fejn gie sottomess :

1. Illi permezz ta' zewg rikorsi pprezentati fis-7 ta' Mejju 1999, Paul Caruana talab lil din l-Onorabbli Qorti l-hrug ta' mandati ta' sekwestru u ta' qbid kontra l-esponenti in kawtela ta' allegat kreditu ta' Lm300,000 u dan a bazi ta'

‘cirkostanzi goddas’ li in effetti kienu semplicement ittra ufficcjali pprezentata kontra l-esponenti qabel ma gew ipprezentati r-rikorsi;

2. Illi l-istess Paul Caruana kien gja' talab lil din l-Onorabbli Qorti l-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru (748/98 u 854/98) u iehor ta' qbid (751/98), li gew revokati minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tas-16 ta' April, 1999 u dan wara li l-esponenti pprezenta rikors ghat-tenur ta' l-Art. 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi permezz ta' rikors ipprezentata fil-15 ta' Mejju, 1999 l-esponenti kien talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-atti kawtelatorji u dan peress li ma nqalghu l-ebda cirkostanzi godda li jimmeritaw il-hrug ta' dawn il-mandati. B'digriet taghha tas-16 ta; Gunju, 2000 il-Qorti cahdet din it-talba peress li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma rrizultawx prima facie gustifkati;

4. Illi l-esponenti sofra, ghadu jsofri u ser ikompli jsofri danni sostanzjali minhabba l-agir ta' l-intimat u dan kemm fl-affari tax-xoghol tieghu u kif ukoll f'dawk personali;

Ghalhekk ir-rikorrenti Gaerty, peress li jhoss li hemm kawza gusta, jitlob bir-rispett illi din il-Qorti tordna lill-intimat jaghti, fiz-zmien minnha prefiss, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali minnha imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, tordna t-tnehhija ta' dawn il-mandati kawtelatorji u dan ghat-tenur ta' l-Art. 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat Paul Caruana fejn gie sottomess:-

Illi fis-7 ta' Marzu 2001, l-esponenti gie notifikat bir-rikors ta' Rudolph Gaerty tat-28 ta' Frar 2001, u f'dan ir-rigward, jissottometti umilment is-segwenti:-

1. Illi permess tar-Rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitlob illi l-esponenti jigi ordnat, ai termini ta' l-Artikolu 838A, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li l-Mandati de quo jitnehhew;

2. Illi mill-istess Artikolu 838A, jirrizulta l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti ghall-imposizzjoni ta' "garanzija xierqa", ghandu jistrieh qabel xejn, necessarjament fuq zewg rekwiziti bazilari: illi t-talba in kwistjoni tkun naxxenti minn "kawza gusta"; u illi l-allegazzjoni ta' l-istess "kawza gusta" trid tigi ppruvata minn min jaghmilha, cioe' mir-rikorrenti, u ghalhekk jinkombi fuq l-istess rikorrenti l-oneru li juru precizament fiex tikkonsisti l-allegata "kawza gusta" u li din hija tali li tissorreggi t-talba in kwistjoni;

3. Illi ulterjorment, jigi notat ukoll illi anke f'kaz illi r-rikorrenti, ghall-grazzja ta' l-argument, ikun ottempera ruhu mar-rekwiziti fuq dettaljati billi juri l-ezistenza ta' raguni li ghaliha t-tnehhija tal-Mandati de quo tkun tista' tigi gustifikata, xorta wahda l-Legislatur akkorda lill-Qorti, f'dan il-kuntest, id-diskrezzjoni assoluta illi tichad it-talba ghal garanzija xierqa, irrispettivament mill-ezistenza ta' "kawza gusta";

4. Mill-premess, isegwi ghalhekk illi r-rikorrenti odjern irid mhux biss jallega l-ezistenza ta' "kawza gusta", izda jrid

jipprova l-allegazzjoni tieghu. Mhux hekk biss, imma tali kawza gusta trid tkun tal-gravita' mehtiega biex twassal il-Qorti ghall-imposizzjoni ta' tali garanzija. Madankollu, jirrizulta illi ebda mir-rekwiziti indikati fil-Ligi ma jirrizultaw mir-Rikors promotur, u fil-fatt, mhux talli ma gab l-ebda prova, talli lanqas ma saret imqar referenza ghal dik li tista' tissejjah "kawza gusta";

5. Illi kull ma gie sottomess mir-rikorrenti fir-Rikors promotur, in gustifikazzjoni tat-talba tieghu f'dan ir-rigward, huwa illi : "L-esponenti sofra, ghadu jsofri u ser ikompli jsofri danni sostanzjali minhabba l-agir ta' l-(esponenti) u dan kemm fl-affari tax-xoghol tieghu u kif ukoll f'dawk personali";

Illi l-allegazjoni fuq citata b'ebda mod ma tista' sservi bhala "kawza gusta" ghall-imposizzzjoni ta' garanzija xierqa ai termini ta' l-Artikolu 838A, stante illi r-rikorrenti naqas ghal kollox illi jispecifika, wisq anqas, jipprova, fiex jikkonsistu l-allegati "danni sostanzjali";

Dan jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi, kif ir-rikorrenti odjern jaf u ghandu jaf bejn tajjeb, kien hu li ikkawza u qieghed jikkawza danni ingenti, qawwija u kontinwi fuq l-esponenti, bit-twaqqif tal-pagamenti kollha lilu dovuti u ghalhekk bit-twaqqif ta' l-uniku introjtu li kellu l-esoponenti - danni li l-istess rikorrenti qieghed b'mod car jipprova jaggrava b'din it-talba prezenti, billi jipprova jabbuza mill-process guidzzjarju u jittanta jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti, fuq premessi inezistenti, biex taggrava l-posizzjoni ta' l-esponenti - u dan meta dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta, f'Digriet dettaljat u ta' sustanza, (datat 16 ta' April 2000 fl-istess ismijiet premessi) qieset il-fatti kollha tal-kaz u kkonfermat il-gustifikazzjoni pjena tal-mandat propost mill-esponenti;

6. Illi l-ambitu tar-rekwiziti ta' l-Artikolu 838A, issir referenza ghal dak ritenut minn dina l-Onorabbli Qorti, permezz tad-Digriet moghti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 937/00 fl-ismijiet: Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et : "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhuz bizzejjed biex hu jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hemm, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta.";

7. Illi r-rikorrenti fir-Rikors odjern, minghajr ma amplifika b'ebda mod dwar l-allegata "kawza gusta" ghall-imposizzjoni ta' garanzija fil-konfront ta' l-esponenti, semplicement jaghmel referenza ghall-proceduri intavolati minnu permezz ta' Rikors precedenti, ipprezentat fl-atti ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru de quo (Numru 2307/99) fil-15 ta' Mejju 1999, fejn l-istess rikorrenti kien talab lil dina l-Onorabbli Qorti illi tirrevoka l-Mandat de quo a tenur ta' l-Artikolu 836(5);

8. Illi l-proceduri precedenti msemmija nghalqu bl-imsemmi Digriet moghti fis-16 ta' April 2000, li kopja tieghu hi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok. PC1, li permezz tieghu, it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat de quo abbazi ta' l-Artikolu 836(5), gie michud

in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti ma rrizultawx bhala prima facie gusitifikati;

9. Illi fil-fatt, permezz tar-Rikors odjern tieghu, ir-rikorrenti jaghmel referenza ghar-rizultanzi tad-Digriet imsemmi bhal li kieku l-fatt uniku tar-revoka tal-Mandat de quo, ghandu jservi bhala l-kawza gusta tat-talba tieghu ghall-imposizzjoni ta' garanzija fil-konfront ta' l-esponeti, kif rikjesta mill-Artikolu 838A;

10. Illi bir-rispett kollu, il-kawzali citati mir-rikorrenti, cioe' r-respinzjoni tat-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat de quo a tenur ta' l-Artikolu 836(5), ma tistax issib applikazzjoni fl-ambitu tar-Rikors odjern, in kwantu din ma tikkostitwix il-"kawza gusta" rikjesta mil-ligi ai termini ta' l-istess Artikolu 838A, izda ghandha sservi fil-fatt sabiex tikkonforta t-talba originali ta' l-esponenti stess ghall-hrug tal-Mandati de quo in kawtela tal-pretenzjonijiet tieghu kontra r-rikorrenti;

11. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat illi l-Mandat ta' Qbid Numru 2308/99, ukoll mertu tar-Rikors odjern, qatt ma kien jifforma l-mertu ta' ebda talba ghal revoka ta' l-istess da parti tar-rikorrenti;

Ghalhekk l-intimat ssottometta li dina l-Qorti ghandha tirrespingi t-talbiet kontenuti fir-Rikors promotur fuq imsemmi, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, in kwantu tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-applikazzjoni tal-ligi;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Gunju 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Rudolphe Gaerty fir-rikors promotur jghamel referenza ghall-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid in kwestjoni u li l-hrug taghhom gie ottjenut kontra tieghu mill-intimat Paul Caruana fis-7 ta' Mejju 1999 u dan in

kawtela ta’ allegat kreditu ta’ Lm300,000. Ir-rikorrenti jippretendi li bhala konsegwenza tal-hrug tal-imsemmija atti kawtelatorji huwa sofra, ghadu jsofri u ser ikompli jsofri danni sostanzjali u dana minhabba l-agir ta' l-intimat u dan kemm fl-affari tax-xoghol tieghu u kif ukoll f'dawk personali. Ir-rikorrenti jsostni li tesisti kawza gusta sabiex jigi ordnat lill-intimat li jaghti garanzija xierqa u dan kollu a tenur tal-provedimenti tal-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-intimat Paul Caruana irrisponda li fir-rigward ta’ talba bhal din ir-rikorrenti ghandu jipprova li tesisti kawza gusta. Barra minn hekk anke jekk tkun tesisti kawza gusta l-Qorti ghandha l-fakolta’ li tichad xorta wahda t-talba. L-istess intimat jissottometti li skond il-premessi tar-rikors promotur ma hemm ebda kawza gusta li qed tigi allegata. Danni li possibilment sofra u qed isofri r-rikorrenti mhux kawza gusta ghal finijiet tal-ligi;

Il-fatt “per se” li jkun gie ottjenut il-hrug ta’ att kawtelatorju, ma jghamilix awtomatika li talba bhal din, sabiex tinghata garanzija xierqa, ghandha tigi akkolta. Lanqas ma jista jinghad li l-istess fatt “per se” huwa “kawza gusta” skond kif trid il-ligi. Skond il-ligi minn qed jghamel talba bhal din in esami ghandu jipprova li hemm kawza gusta. F’dan il-kaz ma jistax jinghad li r-rikorrenti pprova b’mod sufficjenti li tesisti kawza gusta ghala t-talbiet tieghu ghandhoim jigu akkolti;

Ir-rikorrenti Gaerty ippresenta dikjarazzjoni ta’ terzi, residenti barra minn Malta, oltre li ppresenta l-affidavit tieghu. Il-maggior parti tal-imsemmija dikjarazzjoni tat-terzi u tal-affidavit tar-rikorrenti jikkoncernaw essenzjalment il-meritu tal-kwestjoni li tesisti bejn il-partijiet. Dwar il-kwestjoni jekk hemmx “kawza gusta” sabiex jigu akkolti it-talbiet presenti tar-rikorrenti Gaerty, ftit jew xejn li hemm fl-imsemmija provi. Il-fatt li ir-rikorrenti qed jallega li huwa qed isofri danni minhabba l-hrug tal-atti kawtelatorji in kwestjoni mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li hemm kawza gusta skond kif trid il-ligi. Barra minn hekk dawn il-pretensjonijiet rigwardanti danni sofferti mir-rikorrenti bl-

ebda mod ma gew sostanzjati u l-istess pretensjonijiet gew presentati b'mod ftit konfuz;

In vista ta' dan kollu ma tirrizulta ebda "kawza gusta" skond il-ligi u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti, kif kontenuti fir-rikors promotur, ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.